# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 7ta' Dicembru, 2001**

**Appell Nru 109/2001 VDG**

**Fl-Atti ta' l-Estradizzjoni fl-ismijiet:**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neville Aquilina)**
**(Spettur Neville Xuereb)**

**v.**

**Ronald Agius**

Il-Qorti,

Rat il-Mandat ta' Arrest Provvisorju, mahrug mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman in forza ta' l-Artikolu 14(1)(b) tal-Kap. 276, fit-2 ta' Marzu 2001 fil-konfront ta' **Ronald Agius** bin Emanuel u Olga nee` Camilleri, Karta ta' l-Identita` numru 1044447 (m) (hawn aktar 'l quddiem imsejjah "l-appellat") (fol. 11);

Rat ir-rapport (datat 5 ta' Marzu, 2001) ta' l-Ufficjali tal-Pulizija Neville Aquilina u Neville Xuereb li permezz tieghu ppresentaw taht arrest lill-appellat quddiem il-Qorti Rimandanti (fol. 1);

Rat l-Awtorita` ghal Procediment, mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja skond l-Artikolu 13 tal-imsemmi Kap. 276, datata 23 ta' Marzu 2001, li permezz taghha huwa ordna li jsir dwar l-appellat kif hemm provvdut fid-disposizzjonijiet tal-Kap. 276 u dan fir-rigward tat-talba tal-Gvern tar-Repubblika tal-Italja ghat-treggigh lura f'dak il-pajjiz ta' l-appellat li jinsab akkuzat (f'dak il-pajjiz) talli

**(1)** fid-19 ta' Dicembru 1998 u fix-xhur ta' qabel, gewwa Gioia Tauro, Napli, u f'Milan, gewwa l-Italja, huwa u ohrajn assocjaw rwiehom bl-iskop li jikkommettu atti ta' kuntrabbandu ta' tabakk mahdum barra a dannu tal-

erarju tar-Repubblika ta' l-Italja bi vjolazzjoni tal-Artikolu 416 Codice Penale,

**(2)** fis-27 ta' Ottubru, 1998 f'Gioia Tauro, Napli, territorju Taljan, huwa u ohrajn wettqu atti ta' kuntrabbandu ta' tabakk mahdum barra a dannu ta' l-erarju tar-Repubblika ta' l-Italja bi vjolazzjoni tal-Artikoli 110-112, 61 n.7 Codice Penale, 282, 292, 295 lett.d) D.P.R. 23.1.1973 n. 43, u

**(3)** fis-27 ta' Ottubru, 1998 huwa u ohrajn introducew u zammew fit-territorju ta' l-Istat Taljan tabakk mahdum barra li kien iddahhal permezz ta' kuntrabbandu a dannu ta' l-erarju tar-Repubblika ta' l-Italja bi vjolazzjoni tal-Artikoli 110-112, 61 n.7 Codice Penale, u 2 legge 18.1.1994 n.50;

Rat id-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti tad-29 ta' Mejju 2001, li fil-parti operattiva taghha tghid hekk:

"Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha mressqa quddiemha, in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, hija tal-fehma li ma giex pruvat kaz prima facie fil-konfront ta' Ronald Agius rispettivament ghall-attivita` kriminuza li allegatament sehhet fis-27 ta' Ottubru 98, u tiddeciedi konsegwentement li ma hemmx evidenza bizzejjed sabiex tigi sostnuta t-talba ghat-treggigh lura tieghu lejn l-Istat Taljan. Konformement, tordna r-rilaxx ta' l-imsemmi Ronald Agius, salv dak li hemm kontemplat fil-proviso kontenuta fl-Artikolu 15 tal-Kap. 276. In fine tordna li a tenur tal-Art. 19(1) Kap. 276, dawn l-atti jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien stipulat fl-istess artikolu.";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-1 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti joghgobha "tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tibghat taht kustodja lill-appellat Ronald Agius ghall-fini tat-treggigh lura tieghu taht l-Att dwar l-Estradizzjoni Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-rigward tar-reati kollha elenkati fl-iskeda markata X annessa mal-awtorita` ghall-procediment tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali tat-23 ta' Marzu, 2001";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-provi migjuba mill-appellat quddiem l-ewwel qorti kif ukoll id-dokumenti ezibiti fil-mori ta' dana l-appell, u l-verbali registrati; rat ukoll id-decizzjoni preliminari taghha tat-23 ta' Lulju, 2001 (fol. 1669 sa 1672); semghet lill-avukati tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

**1**. Dan huwa appell ta' l-Avukat Generali, maghmul in forza tad-dritt moghti lilu bl-Artikolu 19 tal-Kap. 276, mid-decizzjoni tal-Qorti Rimandanti li ma tibghatx lill-appellat Ronald Agius taht kustodja ghall-fini tat-treggigh tieghu lura lejn l-Italja biex hemm jigi processat ghal wiehed jew aktar mir-reati indikati fl-iskeda "X" annessa ma' l-Awtorita ghall-Procediment, liema reati jinsabu riprodotti *verbatim* hawn aktar 'l fuq f'din is-sentenza u mmarkati bin-numru (1), (2) u (3). L-aggravji ta' l-Avukat Generali, ghalkemm migjuba u mfissra fuq diversi paragrafi u f'hafna dettal, huma bazikament tlieta. Huwa jilmeta fl-ewwel lok li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-Qorti Rimandanti, ir-reat immarkat bin-numru (1) u li ghalih l-awtoritajiet gudizzjarji Taljani qed jitolbu lura lill-appellat Ronald Agius, hu reat ta' estradizzjoni ghall-finijiet tal-

Artikolu 8 tal-Kap. 276. It-tieni ilment tieghu hu li anke r-reat indikat bin-numru (2) huwa, kuntrarjament ghal dak li ddecidiet il-Qorti Rimandanti, reat ta' estradizzjoni ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 8 tal-Kap. 276. Fit-tielet lok, huwa jilmenta li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel qorti, kien hemm provi bizzejjed li a bazi taghhom l-appellat kellu jigi estradit, jigifieri li kien pjenament sodisfatt ir-rekwizit tal-Artikolu 15(3)(a) tal-imsemmi Kap. 276. L-appellat, mil-banda l-ohra u premezz tal-abbili difensuri tieghu fil-kors tat-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, isostni li dwar l-ewwel zewg reati dwan ma humiex reati ta' estradizzjoni skond il-ligi taghna, u li fir-rigward tat-tielet akkuza hemm assenza totali ta' provi b'mod li qorti qatt ma tista' tghid li hemm provi "prima facie" fir-rgward ta' dan ir-tielet reat. Ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza, l-aggravji ser jigu trattati *seriatim*.

**2**. Kif inghad, l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali huwa fis-sens li ma kienitx korretta l-ewwel qorti meta ddecidiet li r-reat bin-numru (1) li ghalih qed tintalab l-estradizzjoni ta' l-appellat ma hux reat ta' estradizzjoni. Issa, r-reat in kwistjoni huwa dak ta' assocjazzjoni (ma' ohrajn) bl-iskop li jigu kommessi atti ta' kuntrabbandu ta' tabakk mahdum barra mill-Italja u b'dannu ta' l-erarju tar-Repubblika Taljana bi ksur ta' l-Artkolu 416 tal-Kodici Penali Taljan. Biex, skond il-ligi taghna, reat ikun wiehed li fir-rigward tieghu tista' tintlaqa' talba ghall-estradizzjoni irid jirrizulta *inter alia* li "…l-eghmil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti kien jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta' Malta li kieku sar f'Malta jew, fil-kaz ta' reat *extra*-territorjali, fl-istess cirkostanzi barra minn Malta"[1] – Artikolu 8(1)(b) tal-Kap. 276. Is-subartikolu (2), imbghad, tal-imsemmi Artikolu 8 jipprovdi li sabiex jigi determinat jekk reat jissodisfax il-htigijiet tal-paragrafu (b) appena riportat, "…id-deskrizzjoni tar-reat ma titqiesx bhala sostanzjali jekk ir-reati skond il-ligi ta' Malta u dik tal-pajjiz li jaghmel it-talba jkunu sostanzjalment ta' l-istess xorta"[2]. Fi kliem iehor, biex reat ikun wiehed ta' estradizzjoni skond il-ligi taghna irid jirrizulta li l-elementi kostituttivi ta' dak ir-reat fil-ligi tal-pajjiz barrani ikunu jammonaw ghal xi reat – jissejjah x'jissejjah – taht il-ligi taghna. Skond l-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment, fl-ewwel partita (fejn jissemma r-reat aktar l-fuq indikat bin-numru wiehed) l-artikolu relevanti fil-Kodici Penali Taljan huwa l-Arikolu 416. Il-parti relevanti ta' din id-dsposizzjoni tghid testwalment hekk (ara d-dokumentazzjoni a fol. 521 tal-atti):

"416. (Associazione per delinquere) Quando tre u piu` persone si associano allo scopo di commettere piu` delitti, coloro che promuovono o costituiscono od organizzano l'associazione sono puniti, per cio` solo, con la reclusione da tre a sette anni.
Per il solo fatto di partecipare all'assocazione, la pena e` della reclusone da uno a cinque anni."

---

[1] "…the act or omission constituting the offence or the equivalent act or omission, would constitute an offence against the law of Malta if it took place within Malta or, in the case of an extra-territorial offence, in corresponding circumatances outside Malta", fit-test Ingliz.

[2] "…the description of the offence shall not be regarded as material if the offences under the law of Malta and that of the requesting country are substantially of the same nature."

Skond l-iskeda annessa ma' l-Awtorita ghal Procediment[3], l-appellat mhux qed jintalab ghax ser jigi akkuzat li ppromwova, ikkostitwixxa jew organizza l-assocjazzjoni izda ghax ippartecipa f'dik l-assocjazzjoni (billi assocja ruhhu ma' ohrajn). L-elementi kostituttivi ta' dana r-reat huma, ghalhekk, fis-sustanza, li (i) tlett persuni jew aktar, (ii) jissiehbu flimkien (iii) bl-iskop li jikkommettu diversi delitti (f'dan il-kaz l-ipotezi prospettata hija ta' delitti ta' kuntrabbandu ta' tabakk mahdum barra mill-Italja). Dan ir-reat huwa kompletament differenti mir-reat ta' tentattiv ta', jew ta' komplicita` fi, reati ta' kuntrabbandu. Fil-ligi taghna, ghall-anqas sal-lum, ghadha ma tezistix il-figura ta' "conspiracy" jew "assocjazzjoni" biex wiehed jikkommetti reati in generali. Il-figura ta' "conspiracy" jew "assocjazzjoni" fil-ligi taghna hija limitata ghal certi reati specifici, bhalma huma r-reati ta' attentat kontra l-President ta' Malta (Art. 55, Kap. 9), insurrezzjoni jew kolp ta' stat (Art. 56), li wiehed jiftiehem biex jgholli jew ibaxxi l-prezz ta' oggett jew il-pagi tax-xoghol bi ksur tal-Artikolu 338(t) tal-Kodici Krminali, ir-reat ta' bejgh jew traffikar fi drogi (Art. 22(1)(f) tal-Kap. 101 u Art. 120A(f) tal-Kap. 31), u reati li ghandhom x'jaqsmu mal-kontroll fuq il-kambju (Art. 39, Kap. 233) – jista' jkun hemm xi kazijiet ohra li bhalissa qed jisfuggu lil din il-Qorti. Pero` certament la jezisti r-reat generali ta' "conspiracy", cioe` r-reat ta' assocjazzjoni bil-ghan li ligi kommess xi reat jew reati, huma liema huma, u anqas jidher li jezisti fil-ligi taghna r-reat ta' "conspiracy" ghal finijiet ta' kuntrabbandu – ghall-anqas ebda reat simili ma ingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti fir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali jew fil-kors tat-trattazzjonjiet li saru. Din il-Qorti ezaminat in partikolari l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37, izda ma tista' ssib xejn li jikkonforta t-tezi li s-semplici "cosnpiracy" biex jigi kommess att ta' kuntrabbandu jammonta ghal reat. Fi kliem iehor, l-eghmil jew nuqqas li qed jigi ipotzzat bir-reat taht l-Artikolu 416 tal-ligi Taljana ma jammontax ghal reat kontra li-ligi ta' Malta. Kif ifsser l-awtur G. V. La Forest, fil-ktieb tieghu ***Extradition to and from Canada*** (Canada Law Book Limited, Toronto, 1977),

"…an exact correspondence between offences in two countries cannot be expected. It is therefore not necessary that the crime concerned bears the same name in both countries. It is sufficient if the acts constituting the offence in the demanding state also amount to a crime in the country from which the fugitive is sought to be extradited even though it may be called by a different name…it is the essence of the offence that is important." (p. 55).

L-Avukat Generali qed jibbaza hafna mit-tezi tieghu fuq silta mehuda mis-sentenza tal-Qorti Rimandanti f-ismijiet ***The Police v. Alfred John Gaul***, deciza fis-16 ta' Lulju, 1981. F'din is-silta jinghad hekk:

"…if however, according to our law the requirements of an attempt or complicity in relation to the conspired offence subsist, then in such a case for the purpose of the Extradition Act the offence to which the conspiracy relates is the one to be considred. This is so even if in England the charge would be one of cosnpiracy".

[3] Ara wkoll it-talba "di rinvio a gudizio" a fol. 481, u specjalment fol. 482.

Jekk b'din is-silta il-Qorti Rimandanti riedet tfisser li jekk, per ezempju, persuna tintalab mill-awtoritajiet Inglizi fuq l-akkuza ta' "conspiracy to commit theft" u l-fatti li jirrizultaw mill-provi jkunu jindikaw li l-persuna in kwistjoni kienet tkun (kieku l-fatti sehhew f'Malta) passibbli tar-reat ta' tentattiv ta' serq jew ta' komplicita` f'serq, allura dik il-persuna tista' tintbaghat lura lejn l-Ingilterra biex twiegeb ghar-reat ta' "cospiracy to commit theft", din hi, fil-fehma ta' din il-Qorti proposizzjoni zbaljata tal-ligi. Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti mill-kliem adoperati fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 276, kif ukoll (u specjalment) fis-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu li dak li hu mehtieg u nececssarju hu li r-reat ipotizzat fil-pajjiz barra minn Malta ikun sostanzjalment ukoll reat f'Malta (indipendentement, kif inghad, minn kif jissejjah dak ir-reat). Fil-kaz in dizamina, ma jistax jinghad li r-reat ipotizzat taht in-numru (1) fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment hu sostanzjalment reat f'Malta (anzi b'ebda mod ma jammonta ghal reat f'Malta), u ghalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta rriteniet li dana l-ewwel reat ma kienx wiehed ta' estradizzjoni taht l-Artikolu 8 imsemmi.

**3**. It-tieni aggravju ta' l-appellant Avukat Generali jirrigwarda it-tieni reat imsemmi fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment. L-ewwel qorti rriteniet li hawnhekk ukoll ma kienx hemm reat ta' estradizzjoni skond l-Artikolu 8 tal-Kap. 276, din id-darba minhabba li l-piena ghar-reat in kwistjoni ma kienitx dik stipulata fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu. Ir-reat li qed jigi ipotzzat hawnhekk huwa dak ta' kuntrabbandu ta' tabakk mahdun barra mill-Italja bi hsara tal-erarju tar-Repubblika Taljana u bi ksur ta' l-Artikoli 110-112, 61 n. 7 Codice Penale u 282, 292, 295 lett.d) D.P.R. 23.1.1973 n.43.

**4**. Tajjeb li qabel xejn wiehed jezamina sew id-disposizzjonijiet tal-ligi Taljana li qed jigu invokati. Ma hemmx dubbju f'dan il-kaz, cioe` fir-rigward ta' dan it-tieni reat, li hawn si tratta ta' reat li sostanzjalment jezisti fil-ligi taghna. Il-kuntrabbandu huwa kontemplat fil-ligi Taljana (ghall-anqas ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri – din il-Qorti ma tippretendix li taf il-*corpus juris* Taljan kollu) fl-Artikoli 282 u 292 tal-ligi tal-ligi numru 43 tat-23 ta' Jannar, 1973[4]. Id-diversi manifestazzjonijiet ta' atti ta' kuntrabbandu kolpiti b'dawn iz-zewg disposizzjonijiet huma sostanzjalment l-istess bhar-reati imsemmija f'diversi mill-paragrafi ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37. Il-piena skond il-ligi taghna tinkludi dik ta' prigunerija ghal periodu ta' mhux aktar minn sentejn[5]; u trattandosi ta' tabakk il-periodu ta' preskrizzjoni huwa ta' ghaxar snin minn meta l-oggett jigi importat[6]. Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li ghal dik li hi piena, ir-reat ekwivamenti f'Malta jissodisfa r-rekwizit ta' l-Artikolu 2(1) tal-*European Convention on Extradition* ghal dik li hi l-piena "in the requested State". L-ewwel qorti rriteniet li hawn ukoll ma hawnx reat ta' estradizzjoni ghax meta giet biex tikkonsidra l-piena applikabbli fl-Italja – ara r-rekwiziti kemm ta' l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Artikolu 8(1)(a) tal-Kap.

[4] Ara fol. 522 ta' l-atti.
[5] Artikolu 62, Kap. 37.
[6] Artikolu 76(2)(a), Kap. 37.

276 – qieset li c-cirkostanzi aggravanti li permezz taghhom il-piena fl-Italja titla ghal mill-lanqas sena (jew tnax-il xahar) ma setghetx tehodhom in konsiderazzjoni peress li dawn ic-cirkostanzi ma "jikkonfigurawx fil-ligi Maltija". Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din id-decizzjoni taghha kienet zbaljata. Ma hemmx xejn, la fl-Artikolu 8 tal-Kap. 276 (jew addirittura fil-Kap. 276) u anqas fil-Konvenzjoni jew fis-*Second Additional Protocol* ghal dik il-Konvenzjoni li b'xi mod jirrikjedi, ghall-fini tad-determinazzjoni tal-piena "in the requesting State", li c-cirkostanzi aggravanti jridu wkoll ikunu cirkostanzi aggravanti "in the requested State". Ghalhekk l-ewwel qorti ma setghetx tinjora, kif effettivament ghamlet, id-disposizzjoni tal-Artikolu 295 tal-ligi tat-23 ta' Jannar, 1973 aktar 'l fuq imsemmija (ara fol. 522). Il-parti relevanti ta' dana l-artikolu tipprovdi hekk:

"295. (Circostanze aggavanti del contrabbando) Per i delitti preveduti negli articoli precedenti[7], e` punito con la multa non minore di cinque e non maggiore di dieci volte I diritti di confine dovuti chiunque, per commettere il contrabbando, adopera mezzi di trasporto appartenenti a persona estranea al reato (14/aaa).
"Per gli stessi delitti, alla multa e` aggiunta la reclusione da tre a cinque anni:…(d) quando il colpevole sia un associato per commettere delitti di contrabbando e il delitto commesso sia tra quelli per cui l'associazione e` stata costituita." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel qorti, ir-reat imsemmi fil-partita numru (2) ta' l-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment hu reat ta' estradizzjoni ghax dana jissodisfa kemm ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 8(1)(a) tal-Kap. 276, kif ukoll l-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi Kapitolu. Ghalhekk l-aggravju ta' l-Avukat Generali f'dana r-rigward qed jigi akkolt.

**5**. It-tielet aggravju ta' l-Avukat Generali hu fis-sens li dwar ir-reat imsemmi fil-partita numru (3) fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment, kien hemm provi bizzejjed li a bazi taghhom kellha tintlaqa' t-talba ghall-estradizzjoni. S'intendi, issa li din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li r-reat fil-partita numru (2) huwa ukoll reat ta' estradizzjoni, u in vista tat-talba fir-rikors ta' appell, il-Qorti trid tikkonsidra wkoll jekk hemmx provi sufficjenti fir-rigward tar-reat imsemmi fil-partita numru (2). Dwar jekk ir-reat fil-partita numru (3) huwiex reat ta' estradizzjoni, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Fi kwalunkwe kaz, u a skans ta' ekwivoci, din il-qorti ezaminat l-Artikolu 2 tal-ligi numru 50 tat-18 ta' Jannar, 1994 (fol. 523), u hi tal-fehma li dana r-reat jissodisfa kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 276, kif ukoll l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni.

**6**. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 276 jirrikjedi li biex tintlaqa' talba ghal estradizzjoni il-Qorti Rimandanti jew, f'kaz ta' appell bhalma hu dak odjern, din il-Qorti, tkun sodisfatta li ingiebu provi (li jistghu jkunu kollha f'forma dokumentarja skond l-Artikolu 22 tal-Kap. 276) li huma "bizzejjed biex jiggustifika li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-

[7] Fosthom l-Artikoli 282 u 292 ga msemmija.

reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta". Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tas-16 ta' Gunju, 1997 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Satariano***,

"Huwa pacifku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizzjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizzjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Dan il-kriterju gie dezinjat f'dawn it-termini. F'kaz li l-Qorti issib li l-provi *prima facie* jindikaw il-probabbilta` ta' htija, jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant: ma ghandhiex tikkonsidra l-preponderanza tal-provi".

Kif josserva l-awtur G. V. La Forest (aktar 'l fuq imsemmi) fir-rigward ta' l-Artikolu 18(1)(b) tal-*Extradition Act, 1970* (tal-Kanada), liema disposizzjoni hi sostanzjalment simili ghall-Artikolu 15(3)(a) taghna[8],

"When the identity of the fugitive is established, such evidence must be produced as would, according to the law of Canada, justify the committal of the fugitive for trial if the crime had been committed in Canada. This means that a *prima facie* case must be established that the fugitive committed the act charged in the foreign country. The degree of proof required to establish a *prima facie* case has over the years been variously described. Certainly mere suspicion is not enough but the evidence need not be such as leaves no reasonable doubt of guilt. Beyond this, however, the courts found it difficult to arrive at a more precise test…In reaching his decision the judge may not weigh or consider different views that may be taken of the evidence. If there is a view of the case that, if adopted by a jury, would warrant its convicting the fugutive, the judge must commit him for extradition. The duty of the extradition judge is merely to consider whether the evidence is sufficient to warrant the committal of the fugitive. The duty of considering the weight of the evidence is that of the court at the trial in the demanding country" (***op. cit.*** pp. 99-101).

Hu appena necessarju jinghad li biex jigi deciz jekk hemmx kaz *prima facie* fis-sens hawn aktar 'l fuq imfisser, il-Qorti ghandha tikkunsidra mhux biss provi diretti izda wkoll dawk indizzjarji, provi li fil-kamp penali huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti.

Ghall-mument din il-Qorti ser tinjora ghal kollox il-provi migjuba mill-Avukat Generali fl-istadju ta' appell, u cioe` id-Dokumenti AG u AG1 a fol. 1617 u 1631 rispettivament, u d-Dokument AG2 a fol. 1652, u ser tillimita ruhha ghall-provi migjuba quddiem il-Qorti Rimandanti. Minn dawn il-provi migjuba quddiem il-Qorti Rimandanti – senjatament it-traskrizzjoni tad-diversi intercettazzjonijiet telefonici li fihom jiffigura l-appellat u safejn dawn gew

[8] S.18(1)(b), Extradition Act, 1970: "The judge shall issue his warrant for the committal of the fugitive to the nearest convenient prison, there to remain until surrendered to the foreign state, or discharged according to law…in the case of a fugitive accused of an extradition crime, if such evidence is produced as would, according to the law of Canada, subject to this Part, justify his committal for trial, if the crime had been committed in Canada."

konfermati bil-gurament mill-ufficjali tal-*Guardia di Finanza* Guido Zalano (fol. 708 *et seq.*), Enrico Clemente (fol. 741 *et seq.*), Fabio Fazio (fol. 756 *et seq.*), Giuseppe Savinelli (fol. 761 *et seq.*) u Alessandro Rotilio (fol. 780 *et seq.*), mill-istess deposizzjonijiet ta' dawn ix-xhieda li f'certi kazijiet jghidu x'raw u x'ghamlu huma stess, mid-deposizzjoni ta' Dott. Jackie Scerri (fol. 816 *et seq.*), mid-dokumenti konsistenti fl-istqarrija ta' l-appellat Agius, id-dokumenti MS1 u MS2 (fol. 825 u 824 rispettivament), u mid-dikjarazzjonijiet guramentati u debitament awtentikati a fol. 525, 526 u 529 – temergi stampa abbastanza cara tal-operat tal-appellat fil-kwardu ta' importazzjoni illegali ta' sigaretti fl-Italja u r-rwol determinanti ta' l-istess Agius f'aktar minn operazzjoni ta' importazzjoni wahda. Il-Qorti Rimandanti ssintetizzat il-provi bil-mod segwenti:

"Il-kwardu generali tal-fatti kif iddelinea ruhhu f'dan il-kaz huwa fis-sens li ghal-habta ta' Lulju, 1998 waqt li l-pulizija Taljana kienet qed taghmel intercettazzjonijiet telefonici fuq persuna maghrufa maghhom ghall-kuntrabbandu organizzat, hija waslet biex tidentifika diversi persuni ohra li kellhom konnessjoni ma' din l-organizzazzjoni. Fost dawn il-persuni kien qed jissemma ta' spiss wiehed bl-isem "Ronnie".

"Illi f'dan il-kwadru l-Qorti tosserva li fl-atti processwali jezistu deposizzjonijiet ta' xhieda okulari li raw lil Ronald Agius fil-kumpanija ta' persuni suspettati li jifformaw parti minn din l-organizzazzjoni u f'kuntest ta' informazzjoni li l-pulizija gabret mill-intercettazzjonijiet ta' konversazzjonijiet telefonici u minn bnadi ohra. Ghab-bazi ta' dan il-pulizija Taljana assocjat lil Ronald Agius mal-attivita` kuntrabbandistika l sehhet fil-periodu ta' Ottubru sa Dicembru tas-sena 1998.

"Illi minn xhieda li xehdu *viva voce* quddiem din il-Qorti jidher li l-pulizija Taljana, rizultat ta' intercettazzjonijiet telefonici maghmula minnha, ssekwestrat fis-17 ta' Ottubru, 1998 zewg trailers bil-containers bil-kabini bojod u homor li fihom kellhom mohbija kwantita` ta' sigaretti li skond ix-xhieda tal-Maggur Guido Zelano kinet fl-ammont globali ta' 18 il-tunnellata.

"Il-pulizija kompliet bl-indagini taghha, dejjem tramite l-intercettazzjonijiet telefonici, u fl-ahhar ta' l-istess xahar issekwestrat zewg containers ohra kontenenti sigaretti. Wiehed gie elevat u l-iehor thalla jipprocedi vojt b'tentattiv sabiex il-pulizija tasal ghad-destinatarju tieghu. Pero` dan kellu ezitu negattiv peress li t-trailer kien gie abbandunat u hadd ma kien mar jigbru".

Din il-Qorti rriproduciet dawn l-erba' paragrafi ghax jigbru fihom diversi punti li dwarhom din il-Qorti trid telabora ftit aktar. Effettivament wiehed jista' jghid li mill-provi jirrizulta li kien hemm mill-anqas zewg istanzi ta' importazzjoni ta' oggetti b'kuntrabbandu: iz-zewg *containers* li gew imwaqqfa fil-vicinanzi ta' Milan fis-17 ta' Ottubru, 1998 u z-zewg *containers* l-ohra li waslu f'Goia Tauro fis-27 ta' Ottubru, 1998 u li wiehed minhhom gie elevat u l-iehor thalla jipprocedi kif aktar 'l fuq indikat. Dwar dawk sekwestarti fil-vicinanzi ta' Milan fis-17 ta' Ottubru, 1998 dawn kellhom (f'kull wiehed mill-*containers*) disa' tunnellati sigaretti mohbija wara dawk li gew deskritti bhala "addobbi natalizi" (ara, fol. 736). Il-konnessjoni tal-appellant Agius ma' dawn il-*containers* tirrizulta pruvata – din il-Qorti tazzarda tghid, ferm aktar milli sal-grad tal-*prima facie* – kemm mill-fatt li hu kien qed jinzamm infurmat regolarment bil-progress tal-vjagg permezz tat-telefon, mill-fatt li l-kabini tat-*trailers* kienu ta'

kulur bojod u homor kif kien indikat mill-appellat f'telefonata precedenti lil certu Amoroso (ara t-traskrizzjoni B-9 a fol. 157), mill-fatt li l-appellat inrtiga li jmur personalment ikellem lill-avukat taz-zewg sewwieqa tat-*trailers* (ara t-traskrizzjonijiet minn fol. 339 sa 351, u d-deposizzjoni ta', fost ohrajn, Enrico Clemente, fol. 747 sa 749), kif ukoll mill-fatt li Agius insegwitu jispjega lil Amoroso li s-sewwieqa ma kienux tkellmu, iserrahlu mohhu, u jwissieh biex joqghodu aktar attenti ta' kif jaghmlu d-dokumenti ta' kopertura biex ma jinqabdux f'kontrolli normali (ara t-traskrizzjoni B-102, fol. 352 sa 355). Dawn huma biss <u>xi whud</u> mill-provi li jindikaw il-koinvolgiment konsapevoli tal-appellat fit-traffikar ta' tabakk bil-kuntrabbandu, u dan riferibbilment ghas-sekwestru tas-17 ta' Ottubru, 1998.

**7**. Pero` kif tajjeb osservat il-Qorti Rimandanti, ir-reat imsemmi fil-partita numru (3) fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment tirreferi ghall-attivita` kuntrabbandistika konnessa maz-zewg *containers* li waslu <u>fis-27 ta' Ottubru, 1998</u> (u l-istess jista' jinghad – ghalkemm l-ewwel qorti ma dahlitx fih ghax kienet qed tikkontendi li dana r-reat ma kienx wiehed ta' estradizzjoni – ghar-reat imsemmi fil-partita numru (2)). Dwar dawn l-hekk imsejjha "tieni" zewg *containers*, ghalkemm l-ewwel qorti rrikonoxxiet li kien hemm *nexus criminis* bejn l-appellat u dan il-kuntrabbandu tas-27 ta' Ottubru, 1998, hija kienet tal-fehma li ma kienx hemm prova *prima facie* dwar il-kontenut preciz ta' din il-merkanzija. F'certu sens l-ewwel qorti kellha ragun. Ghalkemm, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-abbili difensur tal-appellat, hemm provi sufficjenti li juru l-involvilemt ta' l-appellat fl-attivita` kuntrabbandistika tas-27 ta' Ottubru, 1998 – il-Qorti f'dan ir-rigward u a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghall-paragrafi 50 sa 55 tar-rikors ta' appell fejn hemm delineati dawn il-provi, u din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tissofferma ruhha aktar fuq dan il-punt – ghal dak li kien il-kontenut tal-*containers* ma jistax jinghad li, quddiem il-Qorti Rimandanti, kien hemm prova tal-kontenut taghhom. Fir-rigward tar-reat fil-partita numru (2), dan hu prospettat specifikatament bhala "kuntrabbandu ta' tabakk mahdum barra"; filwaqt li r-reat fil-partita numru (3), apparti li hawnhekk ukoll jissemma' "tabakk mahdum barra", dan ir-reat huwa marbut mal-kwantitattiv u ma' l-origini. In fatti l-Artikolu 2 tal-ligi numru 50 ta' l-1994 (ara fol. 523) jitkellem dwar *"tabacco lavorato estero di contrabbando in quantita` superiore a quindici chilogrammi"*. F'dana ir-rigward, pero`, il-prova saret fi stadju ta' appell minn naha ta' l-Avukat Generali, kif kellu dritt li jaghmel skond l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 276 permezz tad-dokument AG, u t-traduzzjoni tieghu AG1 (a fol. 1619 u 1631 rispettivament). Dan id-dokument AG jikkontjeni d-dikjarazzjonijiet guramentati u debitament awtentikati ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 22 ta' Giuseppe Schepis, Biagio Ferraccu` u Giovanni Custureri. Minn dawn id-dikjarazzjonijiet jirrizulta car kemm il-kwantitattiv ta' tabakk f'dawn iz-zewg *containers*, kif ukoll l-origini taghhom. Din il-Qrti mhix ser tiehu konjizzjoni tad-dokument AG2 peress li dan ma ghandux, bhalma ghandhom iz-zewg dokumenti l-ohra, is-sigill tal-Ministeru tal-Affarijiet barranin ta' Malta (ara fol. 1630 *tergo* u fol. 1647 *tergo*, kif ukoll l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 276). Konsegwentement din il-qorti tkkonkludi li hemm provi bizzejjed ghall-fini tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 15 tal-

Kap. 276 limitatament, pero`, fir-rigward tar-reati imsemmija fil-partiti numru (2) u (3) tal-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment.

**8**. Din il-Qorti, pero`, f'dana l-istadju hi obbligata li tezamina wkoll jekk jezistux il-presupposti legali l-ohra kollha skond il-Kap. 276 u l-*European Convention on Extradition* ghat-treggih lura ta' l-appellat. Il-Qorti qed taghmel dan *ex abundanti cautela*, peress li l-appellat ma ssolleva ebda kwistjoni in propositu. Ghalhekk, apparti d-disposizzjonijiet diga ezaminati in konnessjoni mal-aggravji sollevati mill-appellant Avukat Generali, din il-Qorti rat ukoll is-subartikoli (1) u (2) tal-Artkolu 10, u ma tara li hemm ebda wiehed mill-ostakoli msemmija f'dawn id-disposizzjonijiet. Kwantu ghar-"rule of speciality" imsemmija fil-paragrafu (3) tal-imsemmi Artikolu 10, din ir-regola hija sodisfatta permezz tal-Artikolu 14 tal-*European Convention on Extradition*. Dana l-artikolu jammonta ghal "arrangament ta' natura…generali" skond is-subartikolu (4) tal-istess Artikolu 10. Anqas ma jirrizulta xi ostakolu taht l-Artikolu 12 tal-Kap. 276. L-identita` tal-persuna li l-estradizzjoni taghha qed tintalab tinsab ukoll stabbilita mill-provi (Art. 13(2)(i), Kap. 276). Il-Qorti ezaminat ukoll id-diversi disposizzjonijiet tal-*European Convention on Extradition*, inkluz in partikolari l-Artkolu 10, u ma tara li hemm ebda ostakolu legali ghall-estradizzjoni taht xi wahda jew aktar minn dawn id-disposizzjonijiet.

**9**. Fl-ahhar nett din il-Qorti ezaminat ukoll l-Artikolu 20 tal-Kap. 276, u ma tara ebda raguni ghala l-appellat m'ghandux jintbghat taht kustodja ghall-fini tat-treggih lura tieghu minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c) ta' dana l-artikolu.

**Ghal-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali limitatament kif gej, u cioe` (a) filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn iddecidiet li r-reat imsemmi fil-partita numru (1) fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment ma huwiex reat ta' estradizzjoni, (b) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u minflok tibghat lill-appellat Ronald Agius taht kustodja ghall-fini tat-treggih lura lejn ir-Repubblika ta' l-Italja fuq l-akkuzi indikati fil-partiti (2) u (3) imsemmija fl-iskeda annessa ma' l-Awtorita` ghal Procediment, u cioe` fuq l-akkuzi talli (i) flimkien ma' ohrajn fis-27 ta' Ottubru, 1998 f'Gioia Tauro, Napli, territorju Taljan, wettaq atti ta' kuntrabbandu ta' tabakk mahdum barra a dannu tal-erarju tar-Repubblika ta' l-Italja bi vjolazzjoni tal-Artikoli 110-112, 61 n.7 Codice Penale, 282, 292, 295 lett.d) D.P.R. 23.1.1973 n.43, kif ukoll talli (ii) flimkien ma' ohrajn fis-27 ta' Ottubru, 1998 introduca u zamm fit-territorju ta' l-Istat Taljan tabakk mahdum barra li kien iddahhal permezz ta' kuntrabbandu a dannu ta' l-erarju tar-Repubblika ta' l'Italja bi vjolazzjoni tal-Artikoli 110-112, 61 n.7 Codice Penale, u 2 legge 18.1.1994 n.50**; u wara li rat l-Artikoli 16, 18 u 21 tal-Kap. 276 tipprefiggi terminu ta' hmsitax-il gurnata mill-lum sabiex l-appellat Ronald Agius ikun jista', jekk jidhirlu li xi wahda mid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artkolu 10 tal-Kap. 276 giet miksura jew li xi

disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija, giet jew x'aktarx ser tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja, jipprocedi ghal rimedju skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; fl-istess hin din il-Qorti qed tgharraf lil Ronald Agius b'dana d-dritt li huwa ghandu li jipprocedi skond l-Artkolu 46 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tinfurmah li skond l-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 276 hu mhux ser jitregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mill-lum.

Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih mibghuta mir-Registrtur lill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja.